# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. PATRICK VELLA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Settembru, 2001**

**Att ta' Akkuza Nru. 13/92**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Godfrey Ellul**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza preliminari fuq eccezzjoni rigwardanti preskrizzjoni sollevata mill-appellant fil-kors ta' l-appell tieghu pendenti quddiem din il-Qorti.

L-appellant, Godfrey Ellul, permezz ta' sentenza tal-5 ta' April, 1995, moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali gie misjub hati u kkundannat, kif hemm fl-istess sentenza, u permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fis-27 ta' April, 1995, kien talab ir-revoka tas-sentenza appellata u l-liberazzjoni tieghu minn kull htija u piena.

Meta dan l-appell issejjah ghat-trattazzjoni fis-seduta tal-31 ta' Lulju, 2000, l-appellant, permezz tad-difensur tieghu ssolleva l-preskrizzjoni

kwinkwennali pendenti l-appell, fl-aghar ipotesi skond l-art. 688 (d), u ta' sentejn fl-ahjar ipotesi ghall-akkuzat skond l-art. 688 (e).

Sussegwentement, saret nota ta' osservazzjonijiet mill-appellant, kif ukoll wahda responsiva mill-Avukat Generali. It-tnejn jinsabu inseriti fl-atti processwali.

Irrispettivament minn x'jipprovdu l-paragrafi (d) u (e) ta' l-art. 688 tal-Kodici Kriminali, hu necessarju li jigi deciz l-ewwel u qabel kollox, una volta diga' hemm sentenza mill-Qorti Kriminali, jekk wiehed jistax jinvoka d-disposizzjonijiet ta' preskrizzjoni bhal dawk illi ghalihom ghamel riferenza l-appellant u li ghadhom kemm ssemmew.

L-appellant, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jissottometti li fis-sistema taghna tal-preskrizzjoni dejjem gie ritenut li din tolqot l-azzjoni penali. F'kodicijiet ohra li kienu telqu mill-istess sistema taghna, illum imxew ghal sistema differenti fejn il-preskrizzjoni hija dikjarata li mhux tolqot l-azzjoni kriminali, imma r-rejat fih innifsu. Huwa jissottometti li gurisdizzjonijiet barranin jaghmlu l-preskrizzjoni applikabbli mhux biss ghall-azzjoni penali jew ghal rejati, imma anke ghall-esekuzzjoni tal-piena. Jekk il-piena ma tigix esegwita f'certu zmien, ikun hemm l-estinzjoni ta' dik il-piena stess. F'dan il-kuntest jaghmel riferenza wkoll ghal xi artikoli mill-Kodici Penali Taljan u jkompli jaghmel riferenza wkoll ghall-posizzjoni legali kif, skond hu, temergi taht sistemi ohra barranin.

Finalment huwa jissottometti li fil-kazijiet kollha pero', is-sentenzi ta' kundanna huma meqjusa dawk li huma definittivi u mhux appellabbli, u dan specjalment fil-kaz ta' Malta, stante li l-azzjoni penali ghadha tkun qed tigi persegwita stante li jkun hemm kemm id-dritt ta' l-azzjoni da parti tal-prosekuzzjoni, kif ukoll l-azzjoni in risposta da parti tad-difiza. Ghalhekk huwa jissottometti li l-art. 687 li kien gie emendat bl-Att XI ta' l-1900, fejn ukoll fl-artikolu sussegwenti tissemma l-azzjoni penali, sakemm l-azzjoni penali ghadha ghaddejja, huwa applikabbli l-art. 688, filwaqt li meta hemm sentenza definittiva ma taqax bil-preskrizzjoni, jghaddi kemm jghaddi z-zmien. Dan hu hekk pero', dejjem jissottometti l-appellant, meta dik is-sentenza mhix aktar appellabbli ghaliex dak kien verament li ried jaghmel il-legislatur taghna biex izommha differenti mill-kazijiet l-ohra kontinentali prospettati.

Finalment huwa jissottometti wkoll li hemm l-art. 665 li japplika d-decizjonijiet u l-esekuzzjoni taghhom. Dana jghid "*Subject to any other provisions of this code relating to the payment of pecuniary penalities every decision shall be enforcable as soon as delivered*". F'dan il-kaz jittratta ta' piena pekunjarja, u ghalhekk japplikaw ir-regoli li anqas ma huma inforzabbli immedjatament. Fil-fehma tieghu dan ifisser li l-kwistjoni ta' azzjoni penali u l-esekuzzjoni ta' l-istess ghandhom in fieri u

konsegwentement, il-preskrizzjoni tapplika wkoll ghalihom anke pendenti l-appell.

Illi din il-Qorti jidhrilha li s-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni m'hijiex daqstant komplikat kemm ipprova jipprospettaha l-appellant fil-kors tat-trattazzjoni tieghu.

Ghandu jigi osservat, l-ewwel u qabel kollox, illi hemm il-principju inkorporat fl-art. 687 tal-Kodici Kriminali, fis-sens illi d-decizjonijiet kollha li bihom tinghata kundanna ma jaqghux bi preskrizzjoni f'ebda zmien.

L-unika kwistjoni li forsi timmerita xi ftit konsiderazzjoni hija dik relativa ghad-differenza li tezisti bejn sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u dawk moghtija mill-Qorti Kriminali. Id-differenza hija wahda bazika, fis-sens li dawk moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, fit-termini ta' l-art. 316 tal-Kodici Kriminali, jistghu ma jigux esegwiti immedjatament pendenti l-appell u dan wara t-talba appozita u n-noti ta' garanziji appositi, mentri dawk moghtija mill-Qorti Kriminali huma dejjem esegwibbli immedjatament, u, f'kaz ta' prigunerija, hemm biss id-dispost fit-termini ta' l-art. 509 tal-Kodici Kriminali li din il-Qorti tista' takkorda l–liberta' provizorja. La hu hekk pero', din il-Qorti ma tifhimx kif wiehed jista', fl-istess kuntest, jitkellem fuq sentenza ta' kundanna li tkun qeghda tigi esegwita, anke pendenti l-appell u preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali. Hu evidenti li hemm inkompatiblita' assoluta bejn iz-zewg kuncetti u ghalhekk huwa car ghal din il-Qorti li dak li jipprovdi l-art. 687 u li intqal supra, u cioe' li s-sentenzi ta' kundanna m'humiex soggetti ghall-preskrizzjoni ta' ebda zmien, josta ghall-eccezzjoni li qed iressaq l-appellant. Ma jistax wiehed jitkellem logikament bi preskrizzjoni ta' l-azzjoni penali meta l-ligi tirrikjedi li s-sentenza ta' kundanna tkun ezegwita anke pendenti l-appell.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandhiex alternattiva hlief li tirrigetta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellant kif effettivament qeghda taghmel u, konsegwentement, tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni ta' dan l-appell li qed jigi differit ghas-seduta tal-22 ta' Ottubru, 2001 fid-9. a.m.

Dep/Reg
mm